**126. Il-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici jipproponi:**

Illi l-Kamra taħtar Kumitat biex jiddiskuti l-problemi tal-gżira ta' Għawdex u b'hekk jgħin biex l-Għawdxin jifhmu aħjar id-deċiżjonijiet li jolqtuhom fil-ħajja ta' kuljum; u

Illi dan il-Kumitat ikun magħmul mill-Ministru responsabbli għal Għawdex, minn Ministru ieħor li dwar il-Ministeru tiegħu jkun se jiddiskuti l-Kumitat, u mill-ħames rappreżentanti tal-Għawdxin fil-Parlament, viż:

L-Onor. Coronato Attard,
L-Onor. Carmelo Buttigieg,
L-Onor. Lino Debono,
L-Onor. Louis Refalo, u
L-Onor. Anton Tabone, u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura li l-aktar iħoss addattata, b'dan iżda illi:

iċ-chairman ikun il-Ministru li dwar il-Ministeru tiegħu qed issir id-diskussjoni fil-Kumitat, u li ċ-chairman ikun jista' jieħu parti fil-Kumitat, u jkollu l-vot tiegħu bħala membru u fil-każ ta' voti indaqs ikollu wkoll vot deċiżiv;

il-*quorum* ikun jikkonsisti fiċ-chairman u żewġ membri oħra;

il-Kumitat jiltaqa' bil-miftuħ, jew fil-Kamra tal-Parlamenta meta ma jkunx hemm seduta tal-Parlament jew f'post ieħor pubbliku, kif avżat minnu u li f'dan il-Kumitat jieħdu parti, uffiċjali pubbliċi kif indikati mill-Ministru responsabbli għal Għawdex u mill-Ministru li jkun chairman għal dik is-seduta partikolari;

is-seduti tal-kumitat ikunu jistgħu jingħataw dirett fuq it-televiżjoni u l-mezzi l-oħra taxXandir, skond kif ordnat mill-Ministeru responsabbli għal Għawdex, jew mill-Ministru li jkun chairman f'dik is-seduta partikolari; u

Illi l-ewwel seduta ta' dan il-Kumitat issir bil-Ministru responsabbli għal Għawdex bħala chairman, u tinżamm fil-Kamra tal-Parlament nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 1983 fis-6.00 p.m. u tingħata dirett fuq it-televiżoni u l-mezzi l-oħra tax-xandir.

04.11.1983